REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/736

tat-2 ta' Ġunju 2020

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 474/2006 fir-rigward tal-lista ta' kumpaniji tal-ajru li huma pprojbiti milli joperaw jew li huma soġġetti għal restrizzjonijiet operattivi fl-Unjoni

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni ta' operar fil-Komunità u li jinforma lill-passiġġieri tat-trasport bl-ajru dwar l-identità tal-kumpanija tal-ajru li topera, u li jħassar l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2004/36/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 474/2006 ([2]) jistabbilixxi l-lista ta' kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni.

(2) Skont l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, ċerti Stati Membri u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għas-Sikurezza tal-Avjazzjoni ("l-Aġenzija") għaddew lill-Kummissjoni informazzjoni li hija rilevanti għall-aġġornament ta' dik il-lista. Pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali pprovdew ukoll informazzjoni rilevanti. Jenħtieġ li l-lista tiġi aġġornata abbażi tal-informazzjoni pprovduta.

(3) Il-Kummissjoni infurmat lill-kumpaniji tal-ajru kollha kkonċernati, direttament jew permezz tal-awtoritajiet responsabbli għas-sorveljanza regolatorja tagħhom, dwar il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li jiffurmaw il-bażi tad-deċiżjoni li timponilhom projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni jew li timmodifika l-kundizzjonijiet ta' projbizzjoni fuq l-operat imposta fuq kumpanija tal-ajru li tkun inkluża fil-lista fl-Annessi A jew B tar-Regolament (KE) Nru 474/2006.

(4) Il-Kummissjoni tat l-opportunità lill-kumpaniji tal-ajru kkonċernati biex jikkonsultaw id-dokumentazzjoni rilevanti kollha, biex jissottomettu kummenti bil-miktub u biex jagħmlu preżentazzjoni orali lill-Kummissjoni u lill-Kumitat stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 2111/2005 (il-"Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE").

(5) Il-Kummissjoni infurmat lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE dwar il-konsultazzjonijiet konġunti li għaddejjin, fil-qafas tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 473/2006 ([3]), mal-awtoritajiet kompetenti u mal-kumpaniji tal-ajru tal-Armenja, tal-Kongo (Brazzaville), tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo, tar-Repubblika Dominicana, tal-Guinea Ekwatorjali, tal-Każakistan, tal-Kirgiżistan, tal-Libja, tan-Nepal u tas-Sierra Leone. Il-Kummissjoni infurmat ukoll lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE dwar is-sitwazzjoni tal-avjazzjoni ċivili fl-Angola, fil-Belarussja, fl-Indoneżja, fin-Niġerja u fir-Russja.

(6) L-Aġenzija infurmat lill-Kummissjoni u lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE dwar il-valutazzjonijiet tekniċi mwettqa għall-evalwazzjoni inizjali u l-monitoraġġ kontinwu tal-awtorizzazzjonijiet minn Operaturi ta' Pajjiżi Terzi ("TCO"), maħruġa skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 452/2014 ([4]).

([1]) ĠU L 344, 27.12.2005, p. 15.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 474/2006 tat-22 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi l-lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità skont il-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 84, 23.3.2006, p. 14).

([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 473/2006 tat-22 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni għal-lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni tal-operat fil-Komunità kif jissemma fil-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 84, 23.3.2006, p. 8).

([4]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 452/2014 tad-29 ta' April 2014 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet tal-ajru ta' pajjiżi terzi skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 133, 6.5.2014, p. 12).

(7) L-Aġenzija infurmat ukoll lill-Kummissjoni u lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE dwar ir-riżultati tal-analiżi tal-ispezzjonijiet fir-rampa li twettqu fil-kuntest tal-programm tal-Valutazzjoni tas-Sikurezza tal-Inġenji tal-Ajru Barranin ("SAFA"), f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 ([5]).

(8) Barra minn hekk, l-Aġenzija infurmat lill-Kummissjoni u lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE dwar il-proġetti ta' assistenza teknika li saru fil-pajjiżi terzi milqutin minn projbizzjoni fuq l-operat skont ir-Regolament (KE) Nru 474/2006. Ukoll, l-Aġenzija pprovdiet informazzjoni dwar il-pjanijiet u t-talbiet għal aktar assistenza teknika u kooperazzjoni biex tittejjeb il-kapaċità amministrattiva u teknika tal-awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili fil-pajjiżi terzi, bil-għan li dawn ikunu megħjuna jsolvu n-nuqqasijiet ta' konformità mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza tal-avjazzjoni ċivili applikabbli. L-Istati Membri ġew mistiedna jirrispondu għal tali talbiet fuq bażi bilaterali, b'koordinazzjoni mal-Kummissjoni u mal-Aġenzija. F'dak ir-rigward, il-Kummissjoni saħqet mill-ġdid fuq is-siwi tal-għoti ta' informazzjoni lill-komunità internazzjonali tal-avjazzjoni, b'mod partikolari permezz tal-għodda ta' Shubija tal-Assistenza għall-Implimentazzjoni tas-Sikurezza fl-Avjazzjoni tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO), dwar l-assistenza teknika lil pajjiżi terzi pprovduta mill-Unjoni u mill-Istati Membri sabiex tittejjeb is-sikurezza tal-avjazzjoni mad-dinja kollha.

(9) Il-Eurocontrol ipprovdiet lill-Kummissjoni u lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE b'aġġornament dwar l-istatus tal-funzjoni ta' allarm tas-SAFA u tat-TCO, u bi statistika attwali għall-messaġġi ta' allert għall-kumpaniji tal-ajru pprojbiti.

Il-kumpaniji tal-ajru tal-Unjoni

(10) Wara l-analiżi mill-Aġenzija tal-informazzjoni li ħarġet mill-ispezzjonijiet fir-rampa li twettqu fuq l-inġenji tal-ajru tal-kumpaniji tal-ajru tal-Unjoni u mill-ispezzjonijiet ta' standardizzazzjoni li twettqu mill-Aġenzija, kif ukoll minn spezzjonijiet u minn awditjar speċifiċi li twettqu mill-awtoritajiet nazzjonali tal-avjazzjoni, diversi Stati Membri ħadu ċerti miżuri ta' infurzar u infurmaw lill-Kummissjoni u lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE dwar dawk il-miżuri.

(11) L-Istati Membri tennew li huma lesti jaġixxu kif meħtieġ f'każ li l-informazzjoni rilevanti dwar is-sikurezza tkun tindika li jkun hemm riskji imminenti għas-sikurezza minħabba nuqqas ta' konformità min-naħa tal-kumpaniji tal-ajru tal-Unjoni mal-istandards internazzjonali rilevanti tas-sikurezza. F'dan ir-rigward Il-Bulgarija infurmat lill-Kummissjoni u lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE dwar l-azzjonijiet li kienet ħadet fir-rigward tal-kumpaniji tal-ajru ċċertifikati fil-Bulgarija.

Il-kumpaniji tal-ajru mill-Armenja

(12) Qatt ma ġew inklużi kumpaniji tal-ajru mill-Armenja fl-Anness A jew B tar-Regolament (KE) Nru 474/2006.

(13) F'Ottubru 2019, il-Kummissjoni infurmat lill-Kumitat tal-Avjazzjoni Ċivili tal-Armenja ("CAC") dwar ċertu tħassib fir-rigward tas-sikurezza tal-kumpaniji tal-ajru ċċertifikati mis-CAC.

(14) Wara li s-CAC deher quddiem il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE f'Novembru 2019, mit-3 sas-7 ta' Frar 2020 saret żjara minn esperti mill-Kummissjoni, mill-Aġenzija u mill-Istati Membri ("it-tim ta' valutazzjoni") fl-Armenja - fl-uffiċċji tas-CAC u fl-uffiċċji taż-żewġ kumpaniji tal-ajru ċċertifikati fl-Armenja, jiġifieri *Aircompany Armenia* u *Armenia Airways*.

(15) Mir-rapport dwar iż-żjara ta' valutazzjoni, joħroġ biċ-ċar li s-CAC għandu dgħufija sistemika fir-rigward tal-ġestjoni tal-persunal, kif jidher min-nuqqas ta' proċeduri biex jiġu ddeterminati l-bżonnijiet tar-riżorsi umani, min-nuqqas ta' proċeduri u ta' metodoloġija biex jiġu ddeterminati r-rekwiżiti għat-taħriġ tal-persunal, kif ukoll mill-implimentazzjoni effettiva tagħhom u min-nuqqas ta' deskrizzjonijiet tal-impjiegi dokumentati għal diversi funzjonijiet tas-CAC okkupati kif ukoll oħrajn maħruġa b'kuntratt.

(16) Fir-rigward speċifiku tat-taħriġ tal-persunal, ir-rapport dwar iż-żjara ta' valutazzjoni jinnota s-serjetà tan-nuqqasijiet identifikati f'termini tal-kapaċità effettiva tas-CAC li jwettaq kif suppost il-proċess ta' ċertifikazzjoni u s-sorveljanza tal-kumpaniji tal-ajru ċċertifikati fl-Armenja.

([5]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 tal-5 ta' Ottubru 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet bl-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 296, 25.10.2012, p. 1).

(17) Barra minn hekk, huwa ċar mir-rapport dwar iż-żjara ta' valutazzjoni li s-CAC m'għandux il-funzjoni ta' mmaniġġar tal-kwalità meħtieġa għas-sorveljanza tal-amministrazzjoni u t-traspożizzjoni tar-rekwiżiti legali, regolatorji u tekniċi fi struttura organizzazzjonali u proċessi ta' negozju effettivi.

(18) Fir-rigward speċifiku tad-Dipartiment tal-Operazzjonijiet tat-Titjiriet tas-CAC, ir-rapport dwar iż-żjara ta' valutazzjoni jinnota n-nuqqas ta' sistema strutturata għall-ġestjoni tad-dokumenti li permezz tagħha tkun tista' tiġi żgurata t-traċċabilità taċ-ċertifikazzjoni. B'konsegwenza ta' dan, is-CAC ma setax jipprovdi l-evidenza mitluba tal-attivitajiet imwettqa bħala parti miċ-ċertifikazzjoni inizjali taċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru ("AOC") tal-kumpaniji tal-ajru ċċertifikati minnha.

(19) Fir-rigward speċifiku tad-Dipartiment tal-Ajrunavigabbiltà tas-CAC, ir-rapport dwar iż-żjara ta' valutazzjoni nnota l-eżistenza ta' pjan għas-sorveljanza tal-organizzazzjonijiet tal-ajrunavigabbiltà kontinwa tal-kumpaniji tal-ajru u tal-organizzazzjonijiet ta' manutenzjoni approvati ċċertifikati minnha.

(20) Ir-rapport dwar iż-żjara ta' valutazzjoni jinnota wkoll evidenza ta' sorveljanza ineffikaċi peress li ż-żjara tal-kumpaniji tal-ajru identifikat diversi kwistjonijiet fl-impriżi li kellhom jiġu identifikati mis-CAC bħala parti mill-obbligi ta' sorveljanza tiegħu.

(21) Abbażi tal-eżitu taż-żjara ta' valutazzjoni fuq il-post mill-Unjoni, il-Kummissjoni stiednet lis-CAC għal seduta ta' smigħ quddiem il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE fit-12 ta' Mejju 2020. F'din l-okkażjoni, il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE sema' wkoll il-kumpaniji tal-ajru *Aircompany Armenia*, *Atlantis Armenian Airlines*, *Atlantis European Airways*, *Armenia Airways*, *Armenian Helicopters*, u *Skyball*.

(22) Fis-seduta ta' smigħ, is-CAC informa lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE dwar il-miżuri għat-titjib tas-sikurezza li ddaħħlu fis-seħħ minn meta kien deher quddiem il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE f'Novembru 2019, u enfasizza l-impenn tiegħu li jsegwi dawn l-isforzi, u oħrajn bħalhom, biex ikompli jtejjeb is-sorveljanza tas-sikurezza fl-Armenja. Issemma b'mod partikolari l-appoġġ li ta l-Gvern tal-Armenja lis-CAC f'dan ir-rigward. Barra minn hekk, matul is-seduta ġew enfasizzati l-isforzi estensivi li saru biex jippermettu l-assistenza teknika u l-kooperazzjoni ma' Stati oħra u organizzazzjonijiet internazzjonali.

(23) Fir-rigward tal-osservazzjonijiet li ssemmew fir-rapport dwar iż-żjara ta' valutazzjoni, is-CAC ipprovda dettalji dwar il-miżuri li ttieħdu wara ż-żjara ta' valutazzjoni fuq il-post mill-Unjoni fir-rigward tal-istruttura organizzattiva tas-CAC. Issemmew speċifikament il-miżuri marbuta mat-titjib tal-ġestjoni tal-persunal, it-titjib fir-rigward tad-Dipartiment tal-Operazzjonijiet tat-Titjiriet tas-CAC u l-proċess taċ-ċertifikazzjoni tiegħu, kif ukoll it-taħriġ tal-ispetturi tas-CAC. Barra minn hekk, is-CAC ipprovda dettalji fir-rigward tal-isforzi li qed isiru għall-iżvilupp ta' Manwal ta' Ġestjoni Integrata u ta' Sistema interna għall-Ġestjoni Elettronika tad-Dokumenti.

(24) Il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE ġie mitlub biex jinnota b'mod partikolari l-isforzi li qed isiru biex, b'kooperazzjoni mal-Kummissjoni u mal-Istati Membri tal-UE, tinbeda ċertifikazzjoni mill-ġdid tal-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati fl-Armenja, flimkien mal-appoġġ rilevanti għat-taħriġ fuq il-post għall-persunal kollu tagħha.

(25) Barra minn hekk, is-CAC enfasizza r-riżultati tal-isforzi li saru biex jiġu revokati l-AOCs ta' kumpaniji tal-ajru ċċertifikati fl-Armenja li ma għadhomx jitqiesu konformi mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza tal-avjazzjoni.

(26) Il-Kummissjoni u l-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE jirrikonoxxu li s-sitwazzjoni attwali hija r-riżultat ta' perjodu twil ta' ineffiċjenza u negliġenza. Ukoll, il-Kummissjoni u l-Kumitat tal-UE għas-Sikurezza tal-Ajru jirrikonoxxu l-isforzi li saru, u jħeġġu lis-CAC jissokta b'dawk l-isforzi. They note the importance of the Armenian government's commitment in this regard, and equally conveyed commitment to support and cooperate with CAC with its efforts. Il-Kummissjoni u l-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE jinnotaw b'mod pożittiv il-kapaċità u l-impenn personali tal-President tas-CAC fl-insegwiment ta' dawn l-isforzi.

(27) Madankollu, abbażi tal-evidenza kollha disponibbli, inkluż dik li ngħabret miż-żjara ta' valutazzjoni fuq il-post mill-Unjoni, ġie konkluż li l-kapaċitajiet tas-CAC biex jissorvelja l-attivitajiet tal-avjazzjoni fl-Armenja mhumiex biżżejjed u li ma jikkonformawx mal-istandards internazzjonali minimi tas-sikurezza applikabbli. Se jkun meħtieġ titjib ulterjuri sinifikanti tal-kapaċitajiet tas-CAC biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet attwali tas-sikurezza. Attwalment, minħabba n-nuqqasijiet sinifikanti identifikati fil-livell tal-ġestjoni tal-persunal, tat-taħriġ tal-istaff, tal-funzjoni tal-immaniġġar tal-kwalità, flimkien mal-attivitajiet ta' ċertifikazzjoni inadegwati u s-sorveljanza ineffettiva tal-kumpaniji tal-ajru, intwera li s-CAC m'għandux il-kapaċità meħtieġa biex jimplimenta l-istandards internazzjonali tas-sikurezza rilevanti, u l-kapaċità ta' sorveljanza tiegħu ma tistax tiżgura li l-operazzjonijiet tal-kumpaniji tal-ajru li ċċertifika jitwettqu kontinwament f'konformità mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza rilevanti.

(28) *Aircompany Armenia*, topera flotta ta' żewġ ajruplani tat-tip Boeing B737. Skont l-istqarrija tal-kumpanija, hija marbuta mill-qrib ma' *Georgian Airways*, kumpanija tal-ajru ċċertifikata fil-Georgia, li magħha l-*Aircompany Armenia* stabbilixxiet arranġamenti amministrattivi u operattivi b'saħħithom. F'dan ir-rigward iż-żjara ta' valutazzjoni fuq il-post tal-Unjoni sabet li t-taħriġ tal-bdoti tal-*Aircompany Armenia* kien sar skont il-proċeduri tal-*Georgian Airways* minflok skont il-proċeduri tagħha.

(29) Iż-żjara ta' valutazzjoni fuq il-post mill-Unjoni sabet li l-*Aircompany Armenia* għandha persunal infurmat b'sistemi u manwali fis-seħħ biex imexxu l-operazzjonijiet varji. Il-maġġoranza tal-kwistjonijiet jew tan-nuqqasijiet identifikati matul iż-żjara kienu marbuta maċ-ċarezza tal-proċeduri u l-kontroll fuq l-attivitajiet maħruġa b'kuntratt, li jitwettqu l-aktar mill-*Georgian Airways*.

(30) Madankollu, huwa ċar li s-sistema ta' monitoraġġ tal-konformità ta' *Aircompany Armenia* jeħtieġ li tkompli tiġi żviluppata biex tiġi żgurata l-identifikazzjoni tan-nuqqas ta' konformità mar-regolamenti nazzjonali u mad-dispożizzjonijiet tal-manwal tal-operazzjonijiet approvat, inkluż fir-rigward tas-sistema taż-żamma tar-rekords.

(31) Matul is-seduta ta' smigħ quddiem il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE, *Aircompany Armenia* tat dettalji fir-rigward tal-miżuri li ttieħdu biex jiġu indirizzati l-osservazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet taż-żjara ta' valutazzjoni fuq il-post mill-Unjoni, u ddikjarat li sitta mis-seba' osservazzjonijiet ġew indirizzati. Madankollu, ma ngħatat l-ebda evidenza f'dan ir-rigward.

(32) *Atlantis Armenian Airlines*, hija kumpanija tal-ajru Armena li topera inġenju tal-ajru wieħed tat-tip Let L-410. Matul is-seduta, il-kumpanija tal-ajru tat ħarsa ġenerali tal-kumpanija, inklużi r-riżorsi disponibbli, il-pjan ta' żvilupp tal-flotta tagħha, is-Sistema ta' Ġestjoni tas-Sikurezza ("SMS"), u l-Programm ta' Monitoraġġ tad-*Data* tat-Titjir tagħha.

(33) *Atlantis European Airways* topera flotta ta' tliet inġenji tat-tip Airbus A320. Matul is-seduta, il-kumpanija tal-ajru ppreżentat il-missjoni tal-kumpanija, l-istruttura organizzazzjonali tagħha, il-pjan ta' taħriġ għall-persunal tagħha u r-riżultati tas-SAFA għall-aħħar sena. Barra minn hekk, ġiet ipprovduta informazzjoni dwar ir-riżultati tal-awditu tat-TCO tal-kumpanija tal-ajru mill-EASA.

(34) *Armenia Airways* hija kumpanija tal-ajru ċċertifikata Armena, bi flotta ta' inġenju tal-ajru wieħed tat-tip British Aerospace Bae-146-300.

(35) Matul iż-żjara ta' valutazzjoni fuq il-post mill-Unjoni, it-tim ta' valutazzjoni identifika diversi nuqqasijiet li jeħtieġu attenzjoni immedjata, b'mod partikolari rigward ir-reġistrazzjoni u t-traċċar tal-awditi u tas-sejbiet tal-awditjar. It-tim ta' valutazzjoni sab ukoll evidenza tal-ineffettività tas-Sistema ta' Mmaniġjar tal-Kwalità, u fid-dawl tal-pjanijiet ta' żvilupp tal-*Armenia Airways*, jenħtieġ li jsiru sforzi biex tiġi stabbilita sistema ta' monitoraġġ tal-konformità kompletament funzjonali biex jiġi identifikat kwalunkwe nuqqas li jista' jaffettwa l-operazzjonijiet u biex tiġi żgurata konformità mal-manwal tal-operazzjonijiet approvat. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali għat-taħriġ tal-bdoti, biex il-kompetenza tal-ekwipaġġi tagħha tiġi żgurata.

(36) Matul is-seduta, *Armenia Airways*, tat ħarsa ġenerali tal-kumpanija tal-ajru u ppreżentat il-miżuri li ttieħdu wara ż-żjara ta' valutazzjoni fuq mil-post mill-Unjoni. Skont l-informazzjoni li ngħatat matul is-seduta, l-osservazzjonijiet kollha li tqajmu mit-tim ta' valutazzjoni ġew indirizzati, minbarra tnejn, li l-kumpanija tal-ajru ma qablitx magħhom. Madankollu, ma ngħatat l-ebda evidenza f'dan ir-rigward.

(37) *Armenian Helicopters* hija kumpanija tal-ajru privata li topera helikopters fuq titjiriet domestiċi u internazzjonali b'noleġġ, kif ukoll trasport ta' emerġenza mediku. Matul is-seduta, il-kumpanija tal-ajru ppreżentat l-istruttura u l-funzjonament tal-SMS tagħha.

(38) *Skyball* hija kumpanija tal-ajru Armena li topera ballun tal-arja wieħed. Matul is-seduta, il-kumpanija tal-ajru ppreżentat ħarsa ġenerali tal-organizzazzjonijiet u l-attivitajiet tagħha, inkluża informazzjoni marbuta mal-SMS tagħha.

(39) L-ebda informazzjoni jew evidenza pprovduta minn kwalunkwe waħda mill-kumpaniji tal-ajru matul is-seduta ma pprovdiet assigurazzjoni lill-Kummissjoni u lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE li n-nuqqas ta' sorveljanza tas-sikurezza mis-CAC seta' jiġi mitigat permezz tas-sistemi ta' konformità u ta' sikurezza tal-kumpaniji tal-ajru stess.

(40) Għaldaqstant, skont il-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, il-Kummissjoni tqis li f'dan l-istadju, fir-rigward tal-kumpaniji tal-ajru mill-Armenja, hemm raġunijiet biex tiġi emendata l-lista tal-kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fi ħdan l-Unjoni, u biex il-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati fl-Armenja jiġu inklużi fl-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006.

(41) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jivverifikaw il-konformità effettiva tal-kumpaniji tal-ajru ċċertifikati fl-Armenja mal-istandards internazzjonali rilevanti tas-sikurezza permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa tal-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati fl-Armenja, skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.

Il-kumpaniji tal-ajru mill-Kongo (Brazzaville)

(42) Fl-2009, kumpaniji tal-ajru mill-Kongo (Brazzaville) ġew inklużi fl-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006 ([6]).

(43) Permezz ta' ittra tad-19 ta' Diċembru 2019, il-Kummissjoni talbet mill-*Agence Nationale de l'Aviation Civile du Congo (Brazzaville)* ('ANAC Congo'), lista ta' dokumenti dwar l-istruttura, is-sistema ta' sorveljanza u l-attivitajiet tagħha, inkluż miżuri ta' infurzar li ttieħdu mill-2017 'l hawn, kif ukoll il-lista attwali ta' detenturi ta' AOC u ta' inġenji tal-ajru rreġistrati.

(44) Fil-5 ta' Frar 2020, l-ANAC Congo pprovdiet l-informazzjoni mitluba. ANAC Congo infurmat ukoll lill-Kummissjoni li, mill-aħħar aġġornament li kienet ipprovdiet lill-Kummissjoni, l-AOCs tal-kumpaniji tal-ajru *Aero Service, Emeraude, Equatorial Congo Airlines S.A.* u *Mistral Aviation* kienu ġew revokati u li l-kumpanija tal-ajru l-ġdida *Société Nouvelle Air Congo* (AOC No. CG-CTA 004) kienet ġiet iċċertifikata. Madankollu, l-ANAC Congo ma pprovdietx biżżejjed evidenza li s-sikurezza ta' din il-kumpanija tal-ajru hija żgurata f'konformità mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza. Peress li l-ANAC Congo ma wrietx li għandha kapaċità suffiċjenti biex timplimenta u tinforza l-istandards rilevanti tas-sikurezza, il-ħruġ ta' AOC lil din il-kumpanija tal-ajru l-ġdida ma jiggarantixxix konformità biżżejjed mal-istandards tal-ajru internazzjonali.

(45) Il-Kummissjoni tieħu nota tal-fatt li l-Missjoni ta' Validazzjoni Kkoordinata tal-ICAO li saret f'Ġunju 2019 irrappurtat li l-implimentazzjoni effettiva tal-istandards tas-sikurezza internazzjonali fil-Kongo (Brazzaville) kienet żdiedet għal 66,99 %. Minkejja li l-ANAC Congo għamlet progress ċar fil-kapaċitajiet tagħha ta' sorveljanza tas-sikurezza, dak il-progress jenħtieġ li jiġi vverifikat permezz ta' żjara ta' valutazzjoni fuq il-post mill-Unjoni lill-ANAC Congo u lil kumpaniji tal-ajru partikolari ċċertifikati fil-Kongo (Brazzaville), qabel ma tiġi kkunsidrata kwalunkwe deċiżjoni rigward it-tneħħija ta' projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni.

(46) F'konformità mal-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, il-Kummissjoni tqis li jenħtieġ li l-lista ta' kumpaniji tal-ajru mill-Kongo (Brazzaville) li huma soġġetti għal projbizzjoni tal-operat fl-Unjoni tiġi emendata biex il-kumpanija tal-ajru *Société Nouvelle Air Congo* tiġi inkluża fl-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006 u biex *Aero Service, Emeraude, Equatorial Congo Airlines S.A.* u *Mistral Aviation* jitneħħew minn dak l-Anness.

(47) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jivverifikaw il-konformità effettiva tal-kumpaniji tal-ajru ċċertifikati fil-Kongo (Brazzaville), mal-istandards internazzjonali rilevanti tas-sikurezza permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa tal-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati fil-Kongo (Brazzaville), skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.

Il-kumpaniji tal-ajru mir-Repubblika Demokratika tal-Kongo

(48) Fl-2006, kumpaniji tal-ajru mir-Repubblika Demokratika tal-Kongo ġew inklużi fl-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006 ([7]).

(49) Bħala parti mill-attivitajiet ta' monitoraġġ kontinwu tagħha, fit-22 ta' April 2020, il-Kummissjoni talbet lill-Autorité de l'Aviation Civile tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo ("AAC/RDC") biex tipprovdi lista tad-detenturi kollha tal-AOC ċċertifikati fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo.

([6]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1144/2009 tas-26 ta' Novembru 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 474/2006 li jistabbilixxi l-lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru li huma suġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fi ħdan il-Komunità (ĠU L 312, 27.11.2009, p. 16).

([7]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 910/2006 tal-20 ta' Ġunju 2006 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 474/2006 li jistabbilixxi l-lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità skont il-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 168, 21.6.2006, p. 16).

(50) Fis-6 ta' Mejju 2020, l-AAC/RDC infurmat lill-Kummissjoni li mill-aħħar aġġornament li kienet ipprovdiet lill-Kummissjoni 'l hawn, kienet ġiet iċċertifikata l-kumpanija tal-ajru l-ġdida *Mwant Jet* (AOC Nru AAC/DG/OPS-09/09). Fit-13 ta' Mejju 2020, infurmat ukoll li l-kumpaniji tal-ajru *Air Tropiques, Blue Airlines, Blue Sky, Dakota, Korongo Airlines, Mango Airlines, Serve Air,* u *Will Airlift* kienu waqfu mill-operazzjonijiet ta' titjir tagħhom. Qatt ma kienu ngħataw AOC. Infurmat lill-Kummissjoni wkoll li l-kumpaniji tal-ajru *Air Kasai, Doren Air Congo, Gomair, Transair Cargo Services* m'għandhomx AOC u li bħalissa huma impenjati fil-proċess ta' ċertifikazzjoni. Fl-aħħar nett, infurmat lill-Kummissjoni li l-isem tal-kumpanija tal-ajru *Services Air* kien inbidel u li l-kumpanija issa għandha AOC taħt l-isem *Serve Air Cargo*. Peress li l-AAC/RDC ma wrietx li għandha kapaċità sufiċjenti biex timplimenta u tinforza l-istandards rilevanti tas-sikurezza, il-ħruġ ta' AOC lil din il-kumpanija tal-ajru l-ġdida ma jiggarantixxix biżżejjed konformità mal-istandards tal-ajru internazzjonali.

(51) Skont il-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, il-Kummissjoni għalhekk tqis li l-lista ta' kumpaniji tal-ajru mir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fi ħdan l-Unjoni, jenħtieġ li tiġi emendata biex *Mwant Jet* u *Serve Air Cargo* jiġu inklużi fl-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006, u biex *Air Tropiques, Blue Airlines, Blue Sky, Dakota, Korongo airlines, Mango Airlines, Will Airlift, Air Kasai, Doren Air Congo, Gomair, Transair Cargo Services, Serve Air* u *Services Air* jitneħħew minn dak l-Anness.

(52) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jivverifikaw il-konformità effettiva tal-kumpaniji tal-ajru ċċertifikati fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, mal-istandards internazzjonali rilevanti tas-sikurezza permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa tal-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.

Il-kumpaniji tal-ajru mir-Repubblika Dominicana

(53) Qatt ma ġew inklużi kumpaniji tal-ajru mir-Repubblika Dominicana fl-Anness A jew B tar-Regolament (KE) Nru 474/2006.

(54) Fil-15 ta' April 2019, b'segwitu għal nuqqasijiet tas-sikurezza identifikati mill-Aġenzija fil-qafas tal-proċess ta' awtorizzazzjoni tat-TCO u abbażi tal-analiżi tal-ispezzjonijiet fir-rampa mwettqa fil-kuntest tal-programm SAFA, il-Kummissjoni bdiet konsultazzjonijiet mal-Instituto Dominicano de Aviación Civil ("IDAC"), skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 473/2006.

(55) Mis-27 sal-31 ta' Jannar 2020, esperti mill-Kummissjoni, mill-Aġenzija u mill-Istati Membri (it-"tim ta' valutazzjoni") wettqu żjara ta' valutazzjoni fuq il-post mill-Unjoni fl-uffiċċji tal-IDAC fir-Repubblika Dominicana.

(56) L-IDAC jidher li huwa organizzat tajjeb, li għandu riżorsi umani sodisfaċenti u li huwa organizzazzjoni ffinanzjata b'mod adegwat, li mill-2018 'l hawn beda jimplimenta tekniki moderni għall-ġestjoni tas-sikurezza tal-avjazzjoni, permezz ta' approċċ ibbażat fuq il-ġestjoni tas-sikurezza jew fuq il-prestazzjoni, biex jikkomplementaw l-attivitajiet aktar tradizzjonali ta' sorveljanza bbażati fuq il-konformità regolatorja. Il-qafas leġiżlattiv (il-Liġi dwar l-Avjazzjoni u r-regolamenti tekniċi - RAD) jidher li jintegra kif xieraq l-oqsma kollha koperti mill-Annessi tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, ffirmata f'Chicago fis-7 ta' Diċembru 1944, u jiġi emendat regolarment.

(57) It-tim ta' valutazzjoni kkonkluda li l-IDAC għandu l-kapaċitajiet biex jissorvelja l-attivitajiet tal-avjazzjoni fir-Repubblika Dominicana. Minkejja li l-IDAC jeħtieġ titjib f'diversi punti fir-rigward tal-effettività tal-infurzar, it-tim ta' valutazzjoni ma identifika l-ebda tħassib immedjat għas-sikurezza matul iż-żjara, la minn dak li ġie eżaminat fl-uffiċċji tal-IDAC u lanqas mill-osservazzjonijiet li saru matul żjarat lil għadd ta' kumpaniji tal-ajru. Madankollu, it-tim ta' valutazzjoni sab li attwalment l-IDAC ma jikklassifikax is-sejbiet fir-rigward tal-kritikalità għas-sikurezza tal-avjazzjoni, u b'hekk is-sejbiet (bi kwalunkwe livell ta' impatt fuq is-sikurezza), kif ukoll sempliċi rimarki, jiġu ġestiti bl-istess mod matul il-proċess ta' segwitu. Għalhekk ma setax jintwera li l-IDAC jew il-kumpaniji tal-ajru kkonċernati jiżguraw prijoritizzazzjoni adegwata tas-sejbiet kritiċi għas-sikurezza.

(58) Billi dik is-sitwazzjoni għandha effett potenzjalment detrimentali fuq l-infurzar, il-punti b'saħħithom tas-sistema, f'termini tar-riżorsi u tar-regolamenti, jindikaw li l-kundizzjonijiet għal titjib futur huma preżenti, filwaqt li d-dgħufijiet identifikati ma juru l-ebda karatteristika kritika li tista' twaqqaf tali titjib.

(59) Fil-15 ta' April 2020, l-IDAC bagħat pjan ta' azzjoni lill-Kummissjoni biex jindirizza n-nuqqasijiet osservati u rrappurtati mit-tim ta' valutazzjoni. Il-Kummissjoni tqis li l-azzjonijiet ippjanati, jekk jiġu implimentati kif suppost fil-qafas ta' żmien propost, mistennija jsolvu l-kwistjonijiet li ġew identifikati. Jenħtieġ li l-IDAC jipprovdi aġġornamenti regolari lill-Kummissjoni rigward il-progress ta' implimentazzjoni ta' dawk l-azzjonijiet ippjanati.

(60) Għaldaqstant, skont il-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, il-Kummissjoni tqis li f'dan l-istadju, fir-rigward tal-kumpaniji tal-ajru mir-Repubblika Dominicana, ma hemm ebda raġuni biex tiġi emendata l-lista tal-kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fi ħdan l-Unjoni.

(61) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jivverifikaw il-konformità effettiva tal-kumpaniji tal-ajru ċċertifikati fir-Repubblika Dominicana, mal-istandards internazzjonali rilevanti tas-sikurezza permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa tal-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati fir-Repubblika Dominicana, skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.

(62) Jekk ikun hemm informazzjoni rilevanti dwar is-sikurezza li tindika li hemm riskji imminenti għas-sikurezza minħabba nuqqas ta' konformità mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza, il-Kummissjoni jaf tkun obbligata tieħu azzjoni ulterjuri f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

Il-kumpaniji tal-ajru mill-Guinea Ekwatorjali

(63) Fl-2006, kumpaniji tal-ajru mill-Guinea Ekwatorjali ġew inklużi fl-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006 ([8]).

(64) Wara ż-żjara ta' valutazzjoni fuq il-post mill-Unjoni li saret f'Ottubru 2017, u s-seduta tas-smigħ quddiem il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE ta' Novembru 2017, f'Diċembru 2018, l-Autoridad Aeronáutica de Guinea Ecuatorial ("AAGE ") esprimiet lill-Kummissjoni l-interess tagħha biex tiftaħ mill-ġdid djalogu dwar l-emendar tal-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006 fir-rigward tal-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati fil-Guinea Ekwatorjali.

(65) Meta ntalbet tagħmel dan, l-AAGE ressqet quddiem il-Kummissjoni informazzjoni dwar it-titjib li sar fis-sistema ta' sorveljanza tas-sikurezza tagħha. Abbażi tal-informazzjoni li waslitilha, il-Kummissjoni tinnota l-progress li sar, iżda xorta għadhom preżenti ċerti nuqqasijiet dwar kwistjonijiet fundamentali, bħalma huma l-analiżi tal-kaġuni ewlenija, komponent ċentrali biex in-nuqqasijiet ta' konformità ma jitħallewx jerġgħu jseħħu.

(66) Fl-10 ta' Marzu 2020, il-Kummissjoni, l-Aġenzija, l-Istati Membri u r-rappreżentanti tal-AAGE kellhom laqgħa teknika li matulha l-AAGE pprovdiet informazzjoni dwar l-attivitajiet ta' sorveljanza kif ukoll dwar il-progress tal-pjan ta' azzjoni korrettiva li ġie żviluppat fl-2017. Barra minn hekk, l-AAGE infurmat lill-Kummissjoni li l-flotot operattivi tas-*Ceiba Intercontinental* u tal-*Cronos Airlines* tnaqqsu għal inġenju tal-ajru wieħed ta' daqs medju kull wieħed.

(67) Peress li l-informazzjoni attwalment disponibbli mhix biżżejjed biex jitneħħew id-dubji dwar in-nuqqasijiet eżistenti, jenħtieġ li tiġi organizzata żjara ġdida ta' valutazzjoni mill-Unjoni biex tiġi vverifikata aktar il-kapaċità tal-Guinea Ekwatorjali biex tiżgura sorveljanza tas-sikurezza effettiva.

(68) Għaldaqstant, abbażi tal-informazzjoni disponibbli bħalissa, u skont il-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, il-Kummissjoni tqis li f'dan l-istadju, fir-rigward tal-kumpaniji tal-ajru mill-Guinea Ekwatorjali, ma hemm ebda raġuni biex tiġi emendata l-lista tal-kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni.

(69) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jivverifikaw il-konformità effettiva tal-kumpaniji tal-ajru ċċertifikati fil-Guinea Ekwatorjali, mal-istandards internazzjonali rilevanti tas-sikurezza permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa tal-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati fil-Guinea Ekwatorjali, skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.

Il-kumpaniji tal-ajru mill-Każakistan

(70) Fl-2016, kumpaniji tal-ajru mill-Każakistan tneħħew mill-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006 ([9]).

([8]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 474/2006 tat-22 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi l-lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità skont il-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 84, 23.3.2006, p. 14).

([9]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2214 tat-8 ta' Diċembru 2016 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 474/2006 li jistabbilixxi l-lista ta' kumpaniji tal-ajru li huma pprojbiti milli joperaw jew li huma soġġetti għal restrizzjonijiet operattivi fl-Unjoni (ĠU L 334, 9.12.2016, p. 6).

(71) Bħala parti mill-attivitajiet ta' monitoraġġ kontinwu wara t-tneħħija tal-Każakistan mil-lista tas-Sikurezza tal-Ajru, il-Kummissjoni, permezz ta' ittra tal-10 ta' Frar 2020, infurmat lill-Kumitat tal-Avjazzjoni Ċivili tal-Każakistan ("CAC KZ") dwar ċertu ħassib dwar is-sikurezza marbut mal-kumpaniji tal-ajru ċċertifikati mis-CAC KZ, b'mod partikolari fir-rigward ta' *BEK Air*.

(72) Fit-28 ta' Frar 2020, CAC KZ u l-Amministrazzjoni tal-Avjazzjoni tal-Każakistan Joint Stock Company ("AAK") infurmaw lill-Kummissjoni dwar l-attivitajiet tas-sorveljanza mwettqa fir-rigward tal-kumpaniji tal-ajru ċċertifikati fil-Każakistan matul l-aħħar tliet snin, kif ukoll dwar is-sorveljanza mwettqa fir-rigward tal-kumpanija tal-ajru *BEK Air*. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni talbet l-evidenza tal-kapaċità kontinwa tal-Każakistan biex ikompli jiżgura sorveljanza tas-sikurezza effettiva.

(73) Fir-rigward speċifiku tal-kumpanija tal-ajru *BEK Air*, fil-21 ta' April 2020, l-AOC ta' din il-kumpanija tal-ajru ġie rrevokat. L-AOC ta' kumpanija tal-ajru oħra, *Azee Air* ġie sospiż sakemm isiru aktar attivitajiet ta' sorveljanza.

(74) Filwaqt li tirrikonoxxi l-passi li ttieħdu dan l-aħħar mill-AAK biex tittejjeb il-kapaċità ta' sorveljanza tas-sikurezza tagħha, il-Kummissjoni ddeċidiet, abbażi tal-analiżi tad-dokumentazzjoni u tal-informazzjoni pprovduta, li tiftaħ konsultazzjonijiet mas-CAC KZ u mal-AAK f'konformità mal-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 473/2006.

(75) Għaldaqstant, skont il-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, il-Kummissjoni tqis li f'dan l-istadju, fir-rigward tal-kumpaniji tal-ajru mill-Każakistan, ma hemm ebda raġuni biex tiġi emendata l-lista tal-kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fi ħdan l-Unjoni.

(76) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jivverifikaw il-konformità effettiva tal-kumpaniji tal-ajru ċċertifikati fil-Każakistan mal-istandards internazzjonali rilevanti tas-sikurezza permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa tal-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati fil-Każakistan, skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.

(77) Jekk ikun hemm informazzjoni rilevanti dwar is-sikurezza li tindika li hemm riskji imminenti għas-sikurezza minħabba nuqqas ta' konformità mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza, il-Kummissjoni jaf tkun obbligata tieħu azzjoni ulterjuri f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

Il-kumpaniji tal-ajru mill-Kirgiżistan

(78) Fl-2006, kumpaniji tal-ajru mill-Kirgiżistan ġew inklużi fl-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006 ([10]).

(79) Fit-2 ta' Awwissu 2019, il-Kummissjoni talbet mill-Aġenzija tal-Avjazzjoni Ċivili tar-Repubblika Kirgiża ("CAA KG "), lista ta' dokumenti dwar l-istruttura, is-sistema ta' sorveljanza u l-attivitajiet tagħha, inklużi miżuri ta' infurzar li ttieħdu mill-2017 'l hawn, kif ukoll il-lista attwali ta' detenturi ta' AOC u ta' inġenji tal-ajru rreġistrati.

(80) Fl-10 ta' Settembru 2019, is-CAA KG ipprovdiet l-informazzjoni mitluba. Is-CAA KG infurmat ukoll lill-Kummissjoni li, mill-aħħar aġġornament mogħti lill-Kummissjoni, l-AOC tal-kumpaniji tal-ajru *Air Bishkek, Central Asian Aviation Services (Caas), Heli Sky, Air Kyrgyzstan, Manas Airways, S Group International, Sky Bishkek, Sky Way Air,* u *Valor Air* ġew irrevokati u li l-kumpanija tal-ajru l-ġdida *Air Company Air KG* (AOC Nru. 50) ġiet iċċertifikata. Peress li s-CAA KG ma wrietx li għandha kapaċità suffiċjenti biex timplimenta u tinforza l-istandards rilevanti tas-sikurezza, il-ħruġ ta' AOC lil din il-kumpanija tal-ajru l-ġdida ma jiggarantixxix biżżejjed konformità mal-istandards tal-ajru internazzjonali.

(81) F'konformità mal-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, il-Kummissjoni tqis li jenħtieġ li l-lista ta' kumpaniji tal-ajru mill-Kirgiżistan li huma soġġetti għal projbizzjoni tal-operat fl-Unjoni tiġi emendata biex *Air Company Air KG* tiġi inkluża fl-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006 u biex *Air Bishkek, Central Asian Aviation Services (Caas), Heli Sky, Air Kyrgyzstan, Manas Airways, S Group International, Sky Bishkek, Sky Way Air,* u *Valor Air* jitneħħew minn dak l-Anness.

(82) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jivverifikaw il-konformità effettiva tal-kumpaniji tal-ajru ċċertifikati fil-Kirgiżistan mal-istandards internazzjonali rilevanti tas-sikurezza permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa tal-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati fil-Kirgiżistan, skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.

([10]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1543/2006 tat-12 ta' Ottubru 2006 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 474/2006 li jistabbilixxi l-lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità skont il-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 910/2006 (ĠU L 283, 14.10.2006, p. 27).

Il-kumpaniji tal-ajru mil-Libja

(83) Fl-2014, kumpaniji tal-ajru mill-Libja ġew inklużi fl-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006 ([11]).

(84) Bħala parti mill-attivitajiet ta' monitoraġġ kontinwu tagħha, fit-22 ta' April 2020, il-Kummissjoni talbet lill-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili Libjana ("LCAA") biex tipprovdi lista tad-detenturi kollha tal-AOC ċċertifikati fil-Libja.

(85) Fl-4 ta' Mejju 2020, l-LCAA infurmat lill-Kummissjoni li l-AOC tal-kumpanija tal-ajru *Ghadames Air Transport* kien ġie revokat u li l-kumpaniji tal-ajru l-ġodda *Al Maha Aviation* (AOC Nru 030/18) u *Libyan Wings Airlines JSC* (AOC Nru 029/15) ġew iċċertifikati. Peress li l-LCAA ma wrietx li għandha kapaċità suffiċjenti biex timplimenta u tinforza l-istandards rilevanti tas-sikurezza, il-ħruġ ta' AOCs lil dawk il-kumpaniji tal-ajru l-ġodda ma jiggarantixxix konformità biżżejjed mal-istandards tal-ajru internazzjonali.

(86) Għaldaqstant, skont il-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, il-Kummissjoni tqis li f'dan l-istadju, fir-rigward tal-kumpaniji tal-ajru mil-Libja, jenħtieġ li tiġi emendata l-lista tal-kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fi ħdan l-Unjoni, biex *Al Maha Aviation* u *Libyan Wings Airlines JSC* jiġu inklużi fl-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006 u biex *Ghadames Air Transport* titneħħa minn dak l-Anness.

(87) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jivverifikaw il-konformità effettiva tal-kumpaniji tal-ajru ċċertifikati fil-Libja mal-istandards internazzjonali rilevanti tas-sikurezza permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa tal-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati fil-Libja, skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.

Il-kumpaniji tal-ajru min-Nepal

(88) Fl-2013, kumpaniji tal-ajru min-Nepal ġew inklużi fl-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006 ([12]).

(89) Bħala parti mill-attivitajiet ta' monitoraġġ kontinwu tagħha, fit-22 ta' April 2020, il-Kummissjoni talbet lill-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili tan-Nepal ("CAAN") biex tipprovdi lista tad-detenturi kollha tal-AOC ċċertifikati fin-Nepal.

(90) Fit-3 ta' Mejju 2020, is-CAAN infurmat lill-Kummissjoni li l-AOC tal-kumpanija tal-ajru *Air Kasthamandap* kien ġie revokat u li l-kumpaniji tal-ajru l-ġodda *Heli Everest* (AOC Nru 086/2016) u *Kailash Helicopter Services* (AOC Nru 087/2018) ġew iċċertifikati. Infurmat ukoll li *Muktinath Airlines* biddel ismu għal *Prabhu Helicopters*. Peress li s-CAAN ma wrietx li għandha kapaċità suffiċjenti biex timplimenta u tinforza l-istandards rilevanti tas-sikurezza, il-ħruġ ta' AOCs lil dawk il-kumpaniji tal-ajru l-ġodda ma jiggarantixxix konformità biżżejjed mal-istandards tal-ajru internazzjonali.

(91) Għaldaqstant, skont il-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, il-Kummissjoni tqis li f'dan l-istadju, fir-rigward tal-kumpaniji tal-ajru min-Nepal, jenħtieġ li tiġi emendata l-lista tal-kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fi ħdan l-Unjoni, biex *Heli Everest* u *Kailash Helicopter Services* jiġu inklużi fl-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006 u biex *Air Kasthamandap* titneħħa minn dak l-Anness.

(92) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jivverifikaw il-konformità effettiva tal-kumpaniji tal-ajru ċċertifikati fin-Nepal mal-istandards internazzjonali rilevanti tas-sikurezza permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa tal-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati fin-Nepal, skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.

Il-kumpaniji tal-ajru mis-Sierra Leone

(93) Fl-2006, kumpaniji tal-ajru mis-Sierra Leone ġew inklużi fl-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006 ([13]).

([11]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1318/2014 tal-11 ta' Diċembru 2014 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 474/2006 li jistabbilixxi l-lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità (ĠU L 355, 12.12.2014, p. 8).

([12]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1264/2013 tat-3 ta' Diċembru 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 474/2006 li jistabbilixxi l-lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità (ĠU L 326, 6.12.2013, p. 7).

([13]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 910/2006 tal-20 ta' Ġunju 2006 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 474/2006 li jistabbilixxi l-lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità skont il-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 168, 21.6.2006, p. 16).

(94) Bħala parti mill-attivitajiet ta' monitoraġġ kontinwu tagħha, fit-22 ta' April 2020, il-Kummissjoni talbet lill-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili tas-Sierra Leone ("SLCAA") biex tipprovdi lista tad-detenturi kollha tal-AOC ċċertifikati fis-Sierra Leone.

(95) Fit-2 ta' Mejju 2020, l-SLCAA infurmat lill-Kummissjoni li l-AOCs tal-kumpaniji tal-ajru *Air Rum, Destiny air Services, Heavylift Cargo, Orange Air Sierra Leone, Paramount Airlines, Seven Four Eight Air Services* u *Teebah Airways* kienu ġew irrevokati u li attwalment ma hemmx detenturi ta' AOC fis-Sierra Leone.

(96) Peress li l-SLCAA ma wrietx li għandha kapaċità suffiċjenti biex timplimenta u tinforza l-istandards rilevanti tas-sikurezza, il-ħruġ ta' AOCs lil kwalunkwe kumpanija tal-ajru ġdida ma jiggarantixxix konformità biżżejjed mal-istandards tal-ajru internazzjonali.

(97) F'konformità mal-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, il-Kummissjoni tqis li l-lista tal-kumpaniji tal-ajru minn Sierra Leone li huma soġġetti għal restrizzjonijiet operattivi fl-Unjoni jenħtieġ li tiġi emendata biex jitneħħew il-kumpaniji tal-ajru *Air Rum, Destiny Air Services, Heavylift Cargo, Orange Air Sierra Leone, Paramount Airlines, Seven Four Eight Air Services,* u *Teebah Airways* mill-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006.

(98) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 474/2006 jiġi emendat skont dan.

(99) Minħabba l-implikazzjonijiet tas-sikurezza, l-Artikoli 5 u 6 tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 jagħrfu l-bżonn li jittieħdu deċiżjonijiet malajr u, meta jkun xieraq, b'urġenza. Għalhekk hemm bżonn li, biex jiġu mħarsa l-informazzjoni sensittiva kif ukoll il-pubbliku li jivvjaġġa u biex jonqsu kemm jista' jkun l-impatti kummerċjali, jiġu ppubblikati d-deċiżjonijiet fil-kuntest tal-aġġornament tal-lista tal-kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni jew restrizzjoni tal-operat fl-Unjoni, u jidħlu fis-seħħ minnufih wara l-adozzjoni tagħhom.

(100) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE stabbilit permezz tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 474/2006 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Anness A huwa sostitwit bit-test fl-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(2) L-Anness B huwa sostitwit bl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Ġunju 2020.

Għall-Kummissjoni
F'isem il-President
Adina VĂLEAN
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

"ANNESS A

LISTA TA' KUMPANIJI TAL-AJRU LI HUMA PPROJBITI MILLI JOPERAW FL-UNJONI, B'XI EĊĊEZZJONIJIET [1]

Isem l-entità legali tal-kumpanija tal-ajru kif muri fuq l-AOC tagħha (u l-isem kummerċjali tagħha, jekk dan ikun differenti)	Numru taċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru ("l-AOC") jew tal-Liċenzja Operattiva	Dežinjatur bi tliet ittri tal-ICAO	Stat tal-Operatur
AVIOR AIRLINES	ROI-RNR-011	ROI	il-Venezwela
BLUE WING AIRLINES	SRBWA-01/2002	BWI	is-Suriname
IRAN ASEMAN AIRLINES	FS-102	IRC	l-Iran
IRAQI AIRWAYS	001	IAW	l-Iraq
MED-VIEW AIRLINE	MVA/AOC/10-12/05	MEV	in-Niġerja
AIR ZIMBABWE (PVT)	177/04	AZW	iż-Żimbabwe
Il-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Afganistan responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inklużi			**l-Afganistan**
ARIANA AFGHAN AIRLINES	AOC 009	AFG	l-Afganistan
KAM AIR	AOC 001	KMF	l-Afganistan
Il-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Angola responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, ħlief *TAAG Angola Airlines* u *Heli Malongo*, inklużi			**l-Angola**
AEROJET	AO-008/11-07/17 TEJ	TEJ	l-Angola
GUICANGO	AO-009/11-06/17 YYY	Mhux magħruf	l-Angola
AIR JET	AO-006/11-08/18 MBC	MBC	l-Angola
BESTFLYA AIRCRAFT MANAGEMENT	AO-015/15-06/17YYY	Mhux magħruf	l-Angola
HELIANG	AO 007/11-08/18 YYY	Mhux magħruf	l-Angola
SJL	AO-014/13-08/18YYY	Mhux magħruf	l-Angola
SONAIR	AO-002/11-08/17 SOR	SOR	l-Angola
Il-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Armenja responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inklużi			**l-Armenja**
AIRCOMPANY ARMENIA	AM AOC 065	NGT	l-Armenja
ARMENIA AIRWAYS	AM AOC 063	AMW	l-Armenja

[1] Il-kumpaniji tal-ajru mniżżlin fl-Anness A jistgħu jitħallew jeżerċitaw id-drittijiet tat-traffiku tagħhom billi jużaw inġenji tal-ajru mikrijin bl-ekwipaġġ mingħand kumpanija tal-ajru li mhijiex soġġetta għal projbizzjoni fuq l-operat, dejjem jekk jitħarsu l-istandards rilevanti tas-sikurezza.

Isem l-entità legali tal-kumpanija tal-ajru kif muri fuq l-AOC tagħha (u l-isem kummerċjali tagħha, jekk dan ikun differenti)	Numru taċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru ("l-AOC") jew tal-Liċenzja Operattiva	Dežinjatur bi tliet ittri tal-ICAO	Stat tal-Operatur
ARMENIAN HELICOPTERS	AM AOC 067	KAV	l-Armenja
ATLANTIS ARMENIAN AIRLINES	AM AOC 068	AEU	l-Armenja
ATLANTIS EUROPEAN AIRWAYS	AM AOC 017	LUR	l-Armenja
MARS AVIA	AM AOC 066	MRS	l-Armenja
SKYBALL	AM AOC 069	Ma japplikax	l-Armenja
Il-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Kongo (Brazzaville) responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inklużi			**Il-Kongo (Brazzaville)**
CANADIAN AIRWAYS CONGO	CG-CTA 006	Mhux magħruf	Il-Kongo (Brazzaville)
EQUAFLIGHT SERVICES	CG-CTA 002	EKA	Il-Kongo (Brazzaville)
EQUAJET	RAC06-007	EKJ	Il-Kongo (Brazzaville)
TRANS AIR CONGO	CG-CTA 001	STG	Il-Kongo (Brazzaville)
SOCIETE NOUVELLE AIR CONGO	CG-CTA 004	Mhux magħruf	Il-Kongo (Brazzaville)
Il-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inklużi			**Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (ir-RDK)**
AIR FAST CONGO	AAC/DG/OPS-09/03	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (ir-RDK)
AIR KATANGA	AAC/DG/OPS-09/08	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (ir-RDK)
BUSY BEE CONGO	AAC/DG/OPS-09/04	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (ir-RDK)
COMPAGNIE AFRICAINE D'AVIATION (CAA)	AAC/DG/OPS-09/02	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (ir-RDK)
CONGO AIRWAYS	AAC/DG/OPS-09/01	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (ir-RDK)
KIN AVIA	AAC/DG/OPS-09/10	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (ir-RDK)
MALU AVIATION	AAC/DG/OPS-09/05	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (ir-RDK)
SERVE AIR CARGO	AAC/DG/OPS-09/07	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (ir-RDK)
SWALA AVIATION	AAC/DG/OPS-09/06	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (ir-RDK)
MWANT JET	AAC/DG/OPS-09/09	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo

Isem l-entità legali tal-kumpanija tal-ajru kif muri fuq l-AOC tagħha (u l-isem kummerċjali tagħha, jekk dan ikun differenti)	Numru taċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru ("l-AOC") jew tal-Liċenzja Operattiva	Dežinjatur bi tliet ittri tal-ICAO	Stat tal-Operatur
(RDC)			
Il-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Djibouti responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inkluż			**il-Djibouti**
DAALLO AIRLINES	Mhux magħruf	DAO	il-Djibouti
Il-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Guinea Ekwatorjali responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inklużi			**il-Guinea Ekwatorjali**
CEIBA INTERCONTINENTAL	2011/0001/MTTCT/DGAC/SOPS	CEL	il-Guinea Ekwatorjali
CRONOS AIRLINES	2011/0004/MTTCT/DGAC/SOPS	Mhux magħruf	il-Guinea Ekwatorjali
Il-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Eritrea responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inkluż			**l-Eritrea**
ERITREAN AIRLINES	AOC No 004	ERT	l-Eritrea
NASAIR ERITREA	AOC No 005	NAS	l-Eritrea
Il-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Kirgiżistan responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inklużi			**il-Kirgiżistan**
AIR COMPANY AIR KG	50	Mhux magħruf	il-Kirgiżistan
AIR MANAS	17	MBB	il-Kirgiżistan
AVIA TRAFFIC COMPANY	23	AVJ	il-Kirgiżistan
SKY KG AIRLINES	41	KGK	il-Kirgiżistan
TEZ JET	46	TEZ	il-Kirgiżistan
Il-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Liberja responsabbli għas-sorveljanza regolatorja.			**il-Liberja**
Il-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Libja responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inkluż			**il-Libja**
AFRIQIYAH AIRWAYS	007/01	AAW	il-Libja
AIR LIBYA	004/01	TLR	il-Libja
AL MAHA AVIATION	030/18	Mhux magħruf	il-Libja

Isem l-entità legali tal-kumpanija tal-ajru kif muri fuq l-AOC tagħha (u l-isem kummerċjali tagħha, jekk dan ikun differenti)	Numru taċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru ("l-AOC") jew tal-Liċenzja Operattiva	Dežinjatur bi tliet ittri tal-ICAO	Stat tal-Operatur
BURAQ AIR	002/01	BRQ	il-Libja
GLOBAL AVIATION AND SERVICES	008/05	GAK	il-Libja
LIBYAN AIRLINES	001/01	LAA	il-Libja
LIBYAN WINGS AIRLINES	029/15	LWA	il-Libja
PETRO AIR	025/08	PEO	il-Libja
Il-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Moldova responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, ħlief *Air Moldova, Fly One* u *Aerotranscargo*, inklużi			**il-Moldova**
Î.M "VALAN ICC" SRL	MD009	VLN	il-Moldova
CA "AIM AIR" SRL	MD015	AAM	il-Moldova
CA "AIR STORK" SRL	MD018	MSB	il-Moldova
Î M "MEGAVIATION" SRL	MD019	ARM	il-Moldova
CA "PECOTOX-AIR" SRL	MD020	PXA	il-Moldova
CA "TERRA AVIA" SRL	MD022	TVR	il-Moldova
CA "FLY PRO" SRL	MD023	PVV	il-Moldova
Il-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tan-Nepal responsabbli għas-superviżjoni regolatorja, inklużi			**in-Nepal**
AIR DYNASTY HELI. S.	035/2001	Mhux magħruf	in-Nepal
ALTITUDE AIR	085/2016	Mhux magħruf	in-Nepal
BUDDHA AIR	014/1996	BHA	in-Nepal
FISHTAIL AIR	017/2001	Mhux magħruf	in-Nepal
SUMMIT AIR	064/2010	Mhux magħruf	in-Nepal
HELI EVEREST	086/2016	Mhux magħruf	in-Nepal
HIMALAYA AIRLINES	084/2015	HIM	in-Nepal
KAILASH HELICOPTER SERVICES	087/2018	Mhux magħruf	in-Nepal
MAKALU AIR	057 A/2009	Mhux magħruf	in-Nepal
MANANG AIR PVT	082/2014	Mhux magħruf	in-Nepal
MOUNTAIN HELICOPTERS	055/2009	Mhux magħruf	in-Nepal
PRABHU HELICOPTERS	081/2013	Mhux magħruf	in-Nepal
NEPAL AIRLINES CORPORATION	003/2000	RNA	in-Nepal

Isem l-entità legali tal-kumpanija tal-ajru kif muri fuq l-AOC tagħha (u l-isem kummerċjali tagħha, jekk dan ikun differenti)	Numru taċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru ("l-AOC") jew tal-Liċenzja Operattiva	Dežinjatur bi tliet ittri tal-ICAO	Stat tal-Operatur
SAURYA AIRLINES	083/2014	Mhux magħruf	in-Nepal
SHREE AIRLINES	030/2002	SHA	in-Nepal
SIMRIK AIR	034/2000	Mhux magħruf	in-Nepal
SIMRIK AIRLINES	052/2009	RMK	in-Nepal
SITA AIR	033/2000	Mhux magħruf	in-Nepal
TARA AIR	053/2009	Mhux magħruf	in-Nepal
YETI AIRLINES	037/2004	NYT	in-Nepal
Il-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet ta' Sao Tome u Principe responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inklużi			**Sao Tome u Principe**
AFRICA'S CONNECTION	10/AOC/2008	ACH	Sao Tome u Principe
STP AIRWAYS	03/AOC/2006	STP	Sao Tome u Principe
Il-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet ta' Sierra Leone responsabbli għas-sorveljanza regolatorja			**Sierra Leone**
Il-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tas-Sudan responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inklużi			**is-Sudan**
ALFA AIRLINES SD	54	AAJ	is-Sudan
BADR AIRLINES	35	BDR	is-Sudan
BLUE BIRD AVIATION	11	BLB	is-Sudan
ELDINDER AVIATION	8	DND	is-Sudan
GREEN FLAG AVIATION	17	GNF	is-Sudan
HELEJETIC AIR	57	HJT	is-Sudan
KATA AIR TRANSPORT	9	KTV	is-Sudan
KUSH AVIATION CO.	60	KUH	is-Sudan
NOVA AIRWAYS	46	NOV	is-Sudan
SUDAN AIRWAYS CO.	1	SUD	is-Sudan
SUN AIR	51	SNR	is-Sudan
TARCO AIR	56	TRQ	is-Sudan"

ANNESS II

"ANNESS B

LISTA TA' KUMPANIJI TAL-AJRU LI HUMA SOĠĠETTI GĦAL RESTRIZZJONIJIET OPERATTIVI FL-UNJONI [1]

Isem l-entità legali tal-kumpanija tal-ajru kif muri fuq l-AOC tagħha (u l-isem kummerċjali tagħha, jekk dan ikun differenti)	In-Numru taċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru ("AOC")	Dežinjatur bi tliet ittri tal-ICAO	Stat tal-Operatur	It-tip ta' inġenju tal-ajru soġġett għal restrizzjoni	Il-marka/i tar-reġistrazzjoni u, meta jkun(u) disponibbli, in-numru/i tas-serje tal-kostruzzjoni tal-inġenju tal-ajru soġġett għal restrizzjoni	Stat tar-reġistrazzjoni
AIR SERVICE COMORES	06-819/TA-15/DGACM	KMD	Comoros	Il-flotta kollha bl-eċċezzjoni ta': LET 410 UVP.	Il-flotta kollha bl-eċċezzjoni ta': D6-CAM (851336).	Comoros
IRAN AIR	FS100	IRA	L-Iran	L-inġenji tal-ajru kollha tat-tip Fokker F100 u tat-tip Boeing B747	L-inġenji tal-ajru tat-tip Fokker F100 kif jissemma fl-AOC; l-inġenji tal-ajru tat-tip Boeing B747 kif jissemma fl-AOC	L-Iran
AIR KORYO	GAC-AOC/KOR-01	KOR	Il-Korea ta' Fuq	Il-flotta kollha bl-eċċezzjoni ta': 2 inġenji tal-ajru tat-tip TU- 204.	Il-flotta kollha bl-eċċezzjoni ta': P-632, P-633.	Il-Korea ta' Fuq"

[1] Il-kumpaniji tal-ajru mniżżlin fl-Anness A jistgħu jitħallew jeżerċitaw id-drittijiet tat-traffiku tagħhom billi jużaw inġenji tal-ajru mikrijin bl-ekwipaġġ mingħand kumpanija tal-ajru li mhijiex soġġetta għal projbizzjoni fuq l-operat, dejjem jekk jitħarsu l-istandards rilevanti tas-sikurezza.